

Brussell, 22 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6542/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0076(COD)**

---

**CODEC 461**  
**EF 77**  
**ECOFIN 179**  
**CONSOM 70**  
**IA 68**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW</b> u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 fir-rigward ta' ċerti imposti fuq ħlas transkonfinali fl-Unjoni u l-imposti fuq il-kambju tal-munita( <b>l-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fit-28 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2018<sup>2</sup>.
3. Fl-14 ta' Frar 2019 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.<sup>3</sup>

---

<sup>1</sup> 7844/18.

<sup>2</sup> ĠU C 367, 10.10.2018, p. 28.

<sup>3</sup> 6225/19.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 91/18, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.